In exercise of the powers conferred by the Trading Licences Act of 2001 and by the Subsidiary Legislation 441.04, the Ħal Qormi Local Council notifies that on Saturday, 15th July, 2023, hawkers are not allowed to place stalls in the Ħal Qormi open-air market at Pjazza tal-Granmastru, Pjazza Narbona, Triq Fontanier and Vjal de La Cruz

Public transport will be diverted as instructed by police.

Parked cars will be towed.

13th June, 2023

SIĠĠIEWI LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Siġġiewi Local Council notifies that parking will not be allowed:

On Friday, 16th June, 2023, from 3.00 p.m. onwards, in Pjazza San Nikola (upper part); on Saturday, 17th June, 2023, from 3.00 p.m. onwards, in Pjazza San Nikola (near parish church); and on Saturday, 17th June, 2023, from 7.00 p.m. onwards, in Pjazza San Nikola (near Dar Ommna Marija).

Access to Pjazza San Nikola from Triq San Nikola will be closed for ongoing traffic for the whole duration of the events. Pjazza San Nikola will be accessible through Triq Mons. Mikiel Azzopardi.

Public transport will leave from Triq Dun Manwel Zammit (near football ground).

Parked cars will be towed.

13th June, 2023

RABAT (MALTA) LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic

The Rabat Local Council notifies that from Monday, 19th June, 2023 till Friday, 23rd June, 2023, Triq Tal-Virtù shall be closed for traffic, excluding residents from noon onwards. Misraħ Anton Agius will be closed for cars and Triq il-Buskett will be affected by filming vehicles.

Police officers shall be on site to divert traffic flow.

13th June, 2023

KUNSILL LOKALI L-IMQABBA

Sospensjoni ta' Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Imqabba jgħarraf li minn nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Ġunju, 2023, f'nofsinhar, sal-Ħadd, 18 ta' Ġunju, 2023, fil-11.30 p.m., ħadd ma jista' jipparkja fit-toroq indikati hawn taħt:

Triq il-Barrieri kantuniera ma' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq Xandru Farrugia kantuniera ma' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija (bejn Triq Xandru Farrugia u Triq il-Franka), u quddiem il-garaxxijiet kollha fi Triq Xandru Farrugia, Triq Ġanni Darmanin, Triq Ġorġ Martin u Triq Mons. Alfons Caruana.

It-13 ta' Ġunju, 2023

MQABBA LOCAL COUNCIL

Parking Suspension

The Mqabba Local Council notifies that no parking is allowed in the streets listed below from Friday, 16th June, 2023, at noon, until Sunday, 18th June, 2023, at 11.30 p.m:

Triq il-Barrieri corner with Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq Xandru Farrugia corner with Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija (between Triq Xandru Farrugia and Triq il-Franka), and in front of every garage in Triq Xandru Farrugia, Triq Ġanni Darmanin, Triq Ġorġ Martin and Triq Mons. Alfons Caruana.

13th June, 2023

KUNSILL LOKALI L-FGURA

Sospensjoni tat-Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Fgura jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 119 tal-2002, Triq Nazzareno Farrugia se tkun magħluqa għat-traffiku minn nhar is-Sibt, 24 ta' Ġunju, 2023, mis-7.00 a.m., sas-2.00 a.m. tal-Ħadd, 25 ta' Ġunju, 2023. Fl-istess ġurnata ħadd ma jista' jipparkja fi Triq Nazzareno Farrugia.

It-13 ta' Ġunju, 2023

FGURA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Fgura Local Council hereby notifies that in terms of Legal Notice 119 of 2002, Triq Nazzareno Farrugia, will be closed for transit of vehicles from Saturday, 24th June, 2023 from 7.00 a.m., till 2.00 a.m. of Sunday, 25th June, 2023. During the same day, parking will not be permitted in Triq Nazzareno Farrugia.

13th June, 2023

KUNSILL LOKALI L-FGURA

Sospensjoni tat-Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Fgura jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 119 tal-2002, Triq il-Karmelitani (minn Triq il-Liedna sa Triq Hompesch) se tkun magħluqa għat-traffiku nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Ġunju, 2023, mis-6.00 p.m. sa nofsillejl. Fl-imsemmija ġranet ħadd ma jista' jipparkja fi Triq il-Karmelitani (minn Triq il-Liedna sa Triq Hompesch).

It-13 ta' Ġunju, 2023

FGURA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Fgura Local Council hereby notifies that in terms of Legal Notice 119 of 2002, Triq il-Karmelitani (from Triq il-Liedna to Triq Hompesch) will be closed for transit of vehicles on Friday, 30th June, 2023, from 6.00 p.m. till midnight. During the same day, parking will not be permitted in Triq il-Karmelitani (from Triq il-Liedna to Triq Hompesch).

13th June, 2023

KUNSILL LOKALI L-FGURA

Sospensjoni tat-Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Fgura jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 119 tal-2002, Triq Triq Hompesch (minn Triq il-Karmnu sar-roundabout ta' Triq San Tumas) se tkun magħluqa għat-traffiku nhar il-Ħamis, 15 ta' Ġunju, 2023, mit-8.00 p.m., sas-1.30 a.m. tal-Ġimgħa, 16 ta' Ġunju, 2023.

It-13 ta' Ġunju, 2023

FGURA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Fgura Local Council hereby notifies that in terms of Legal Notice 119 of 2002, Triq Hompesch (from Triq il-Karmnu to Triq San Tumas roundabout) will be closed for transit of vehicles on Thursday, 15th June, 2023, from 8.00 p.m., till 1.30 a.m. of Friday, 16th June, 2023.

13th June, 2023

KUNSILL LOKALI L-FGURA

Sospensjoni tat-Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Fgura jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 119 tal-2002, Triq Hompesch (mir-roundabout ta' Triq is-Sur sar-roundabout ta' Triq San Tumas) se tkun magħluqa għat-traffiku minn nhar is-Sibt, l-1 ta' Lulju, 2023, sal-Ħadd, 2 ta' Lulju, 2023, minn nofsinhar sas-2.00 a.m. Fl-imsemmija ġranet mhux se jkun permess parkeġġ fi Triq Hompesch (mir-roundabout ta' Triq is-Sur sar-roundabout ta' Triq San Tumas).

It-13 ta' Ġunju, 2023

KUNSILL LOKALI L-FGURA

Armar ta' Gabbani u u mwejjed

Il-Kunsill Lokali l-Fgura jgħarraf illi l-applikazzjonijiet għall-permess ta' gabbani u tqegħid ta' mwejjed fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu li se ssir nhar il-Ħadd, 9 ta' Lulju, 2023, qed jintlaqgħu fl-uffiċċju tal-Kunsill bejn it-Tnejn, 26 ta' Ġunju, 2023 u mhux iżjed tard minn nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Ġunju, 2023, sa nofsinhar. Ma jkunux proċessati applikazzjonijiet wara din id-data. Il-permessi jsiru mit-8.00 a.m. sa nofsinhar. Wara nofsinhar ma jinħarġux permessi.

It-13 ta' Ġunju, 2023

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 22 ta' Ġunju, 2023 għal:

Avviż Nru. 29. Kiri, għall-perjodu li fadal tal-kirja preżenti li jintemm fil-31 ta' Mejju, 2028, tal-ħanut vojt tale quale f'Nru. 2, Triq Manuel de Vilhena , Il-Gżira, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.37_84_2_2. Il-kerrej preżenti ma jridx jibqa' fil-kirja u terz interessat lest li jidħol għar-rimanenti perjodu ta' din il-kirja. Dan it-terz interessat għandu d-dritt tal-ewwel rifjut riżervat favurih skont Artikolu Nru. 3 (1) tal-Avviż Legali Nru. 573.02. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u tmienja u ħamsin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€158.24) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 30. Kiri, għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena għal użu bħala uffiċċju jew inkella bħala storage, ta'

FGURA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Fgura Local Council hereby notifies that in terms of Legal Notice 119 of 2002, Triq Hompesch (from roundabout of Triq is-Sur to roundabout of Triq San Tumas) will be closed for transit of vehicles from Saturday, 1st July, 2023 till Sunday, 2nd July, 2023, from noon till 2.00 a.m. During the same day, parking will not be permitted in Triq Hompesch (from roundabout of Triq is-Sur to roundabout of Triq San Tumas).

13th June, 2023

FGURA LOCAL COUNCIL

Setting up of Kiosks and Tables

The Fgura Local Council hereby notifies that the applications for the permit of kiosks and laying of tables on the occassion of the feast of Our Lady of Carmel to be held on Sunday, 9th July, 2023, are being received at the Council's office between Monday, 26th June, 2023 and not later than Friday, 30th June, 2023, till noon. No applications will be processed after this date. Permits will be issued from 8.00 a.m. till noon. After noon no permits will be issued.

13th June, 2023

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements are to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00am on Thursday, 22nd June, 2023 for:

Advt No. 29. Lease, for the remaining period of the present lease which ends on the 31st May, 2028, of the bare shop tale quale at No. 2, Triq Triq Manuel De Vilhena, Gżira, as shown edged in red on plan P.D.37_84_2_2. The present tenant does not want to remain in the lease and an interested third party is ready to assume the remaining term of this lease. The interested third party has been reserved the right of first refusal as per Article No. 3 (1) of Legal Notice 573.02. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions.Offers below the amount of one hundred and fifty-eight euro and twenty-four cents (€158.24) per annum will not be considered. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 30. Lease, for a period of fifteen (15) years for use as office or storage, of three (3) rooms tale quale at level

tlett (3) ikmamar tale quale fil-livell minus one (-1) li huma aċċessibbli mill-Fond f'Nru. 13, Triq Mikiel Anton Vassalli, Il-Belt Valletta, kif muri bl-aħmar u fid-dettall fuq il-pjanta P.D.2022_0530. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €30,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' għaxart elef ewro (€10,000) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru, 31. Kiri għal perjodu ta' ħmistax-il (15) sena għal skopijiet kummerċjali ta' Fond tale quale fl-istat li jinsab fih inkluži xi difetti li jista' jkun hemm moħbija Nru.13, Triq il-Vittmi tal-Polverista, Il-Birgu, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2015_0846. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €37,500 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tnax-il elf u ħames mitt ewro (€12,500) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 32. Kiri tale quale għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena għal skopijiet kummerċjali ta' garaxx/maħżen f'Nru. 9, Old Slave Block, Triq San Duminku, Il-Belt Valletta, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.232_91_1. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €40,599 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlettax-il elf u ħames mija u tlieta u tletin ewro (€13,533) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 33. Għotja b'ċens temporanju għall-perjodu ta' ħamsa u għoxrin (25) sena, għal fond kummerċjali tale quale fl-istat li jinsab fih inkluż id-difetti kollha li hemm f'Nru. 194, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2019_0537. Din il-proprjetà ma tistax tintuża għal skopijiet residenzjali. Dan iċ-ċens ma jistax jiġi mifdi bl-ebda mod u dan lanqas jekk ikun permess skont xi liġi jew avviż legali. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €50,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tnejn u għoxrin elf u seba' mija u ħamsin ewro (€22,750) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

minus one (-1) which are accessible from the Premises at No. 13, Triq Mikiel Anton Vassalli, Valletta, as shown edged in red and in detail on plan P.D.2022_0530. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €30,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of ten thousand euro (€10,000) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 31. Lease for a period of fifteen (15) years for commercial purposes of the Premises tale quale in its present state including any latent defects at No. 13, Triq il-Vittmi tal-Polverista, Birgu, as shown edged in red on the plan P.D.2015_0846. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for the amount of €37,500 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of twelve thousand and five hundred euro (€12,500) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 32. Lease tale quale for a period of fifteen (15) years for commercial purposes of a garage/store at No. 9, Old Slave Block, Triq San Duminku, Valletta, as shown edged in red on the plan P.D. 232_91_1. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for the amount of €40,599 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of thirteen thousand and five hundred and thirty three euro (€13,533) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 33. Grant on a temporary emphyteusis for a period of twenty-five (25) years of the commercial premises tale quale in its present state including all the defects therein, at No. 194, Triq ir-Repubblika, Valletta, shown edged in red on plan P.D.2019_0537. This property cannot be used for residential purposes. This emphyteusis cannot be redeemed in any way and this also applies if it can be permitted by any law or legal notice. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of twenty-two thousand and seven hundred and fifty euro (€22,750) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mistiedna li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta li, flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra, jistgħu jinkisbu billi tagħfas fuq 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' din l-offerta fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas huwa ta' ħamsin ewro (€50) li jitħallas permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja preferuta.

It-13 ta' Ġunju, 2023

AWTORITÀ TAD-DJAR

Iċ-Chief Executive Officer, Awtorità tad-Djar, jgħarraf illi:

Offerti magħluqin għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tad-Djar, 22, Triq Pietro Floriani, Il-Furjana, sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Ġunju, 2023, għal:

Avviż Nru. 9/2023. Kera tale quale ta' ħanut, 6 (shop 5), Block 8, Misraħ Dorell, Santa Luċija. Offerti taħt €3,757 fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Ma din il-kirja jrid jitħallas rigal (goodwill) ta' €2,000 mal-iffirmar tal-kuntratt tal-kera. Dan l-avviż huwa suġġett għad-dritt tal-ewwel rifjut;

Avviż Nru. 10/2023. Kera tale quale ta' ħanut, 7 (shop 6), Block 8, Misraħ Dorell, Santa Luċija. Offerti taħt €4,374 fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Ma din il-kirja jrid jitħallas rigal (goodwill) ta' €5,000 mal-iffirmar tal-kuntratt tal-kera. Dan l-avviż huwa suġġett għad-dritt tal-ewwel rifjut.

Irid isir ħlas ta' €20 għad-dokumenti tal-offerta, li jistgħu jinkisbu mill-Awtorità tad-Djar.

L-Awtorità żżomm id-dritt li tirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-13 ta' Ġunju, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

B'referenza għall-offerta elettronika CFT 009-3676/23. Provvista ta' 'bedhead light fittings'; CFT 009-3686/23. Manifatturar, provvista, konsenja u installazzjoni ta' bibien tal-injam laminati; u CFT 009-3683/23. Provvista ta' 'double shaft', ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern tal-Ġimgħa, 26 ta' Mejju, 2023, id-data tal-għeluq ġiet estiża sal-Ġimgħa, 23 ta' Ġunju, 2023.

It-13 ta' Ġunju, 2023

These adverts are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to read carefully these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the web page where this tender is available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using preferred banking card.

13th June, 2023

HOUSING AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Housing Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following adverts have to be deposited in the tender box at the Housing Authority, 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, by 10.00 a.m. on Friday, 30th June, 2023, for:

Advt No. 9/2023. Lease tale quale of 6 (shop 5), Block 8, Misrah Dorell, Santa Luċija. Offers below €3,757 annually will not be considered. This advert is subject to goodwill of €2,000 with signing of deed. This advert is subject to right of first refusal;

Advt No. 10/2023. Lease tale quale of 7 (shop 6), Block 8, Misraħ Dorell, Santa Luċija. Offers below €4,374 annually will not be considered. This advert is subject to goodwill of €5,000 with signing of deed. This advert is subject to right of first refusal.

A fee of €20 will be charged for the tender documents, which can be obtained from the Housing Authority's office.

The Housing Authority reserves the right to refuse any tender, even the most advantageous.

13th June, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

With reference to the electronic tender CFT 009-3676/23. Provision of bedhead light fittings; CFT 009-3686/23. Manufacturing, supply, delivery and installation of laminated wooden doors; and CFT 009-3683/23. Provision of double shaft, published in the Government Gazette of Friday, 26th May, 2023, the date is being extended till Friday, 23rd June, 2023.

13th June, 2023

CENTRAL PROCUREMENT u SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Procurement and Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 30 ta' Ġunju, 2023. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFT 021-3725/23. 'Chlorhexidine Gluconate and Cetrimide sachets'

CFT 020-3726/23. '2.0ml Plasma tubes b'Sodium Fluoride/Potassium Oxalate'

CFT 020-3727/23. Faxex għal 'light pressure and support stumps'

CFT 021-3728/23. 'Endoscopic haemoclips'

CFT 021-3729/23. 'Biliary stent sets'

CFT 021-3730/23. Diversi qisien ta' 'extration bolloon catherters'

CFT 021-3731/23. 'Single use distal cap'

CFT 013-3732/23. 'Alkaline u lithium batteries'

CFT 021-3733/23. 'Endoscopic markers'

CFT 021-3734/23. 'Bendroflume Thiazide (Bednrofluazide) 2.5mg tablets'

CFT 020-3735/23. 'Tracheostomy tubes uncuffed plain with inner cannula'

CFT 021-3736/23. 'Goserelin 3.6mg implant injections'

CFT 021-3737/23. 'Disposable surface EMG electrode'

CFT 021-3738/23. 'Naloxone 400mcg/ml injection'

CFT 021-3739/23. 'Flumazenil 500mcg injection'

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 4 ta' Lulju, 2023. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFT 020-3740/23. 'T Connection luer lock micro extension sets'

CFT 021-3741/23. 'Sharp containers 7 lts'

CFT 021-3742/23. 'Atropine sulphate pre-filled syringe'

CFT 020-3743/23. 'Coronary knives'

CFT 020-3744/23. IVUS Catheters

CFT 020-3745/23. 'Coronary pressure wires for IFR and co-registration'

CFT 020-3746/23. 'ENFIt 60mls syringes for feeding and treatment'

CFT 021-3747/23. 'Baclofen 2000mcg per ml injection għal intrathecal use'

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Procurement and Supplies), Ministry for Health, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Friday, 30th June, 2023. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFT 021-3725/23. Chlorhexidine Gluconate and Cetrimide sachets

CFT 020-3726/23. 2.0ml Plasma tubes with Sodium Fluoride/Potassium Oxalate

CFT 020-3727/23. Bandages for light pressure and support stumps

CFT 021-3728/23. Endoscopic haemoclips

CFT 021-3729/23. Biliary stent sets

CFT 021-3730/23. Multiple sizes extration bolloon catherters

CFT 021-3731/23. Single use distal cap

CFT 013-3732/23. Alkaline and lithium batteries

CFT 021-3733/23. Endoscopic markers

CFT 021-3734/23. Bendroflume Thiazide (Bednrofluazide) 2.5mg tablets

CFT 020-3735/23. Tracheostomy tubes uncuffed plain with inner cannula

CFT 021-3736/23. Goserelin 3.6mg implant injections

CFT 021-3737/23. Disposable surface EMG electrode

CFT 021-3738/23. Naloxone 400mcg/ml injection

CFT 021-3739/23. Flumazenil 500mcg injection

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Tuesday, 4th July, 2023. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFT 020-3740/23. T Connection luer lock micro extension sets

CFT 021-3741/23. Sharp containers 7 lts

CFT 021-3742/23. Atropine sulphate pre-filled syringe

CFT 020-3743/23. Coronary knives

CFT 020-3744/23. IVUS Catheters

CFT 020-3745/23. Coronary pressure wires for IFR and co-registration

CFT 020-3746/23. ENFIt 60mls syringes for feeding and treatment

CFT 021-3747/23. Baclofen 2000mcg per ml injection for intrathecal use

These tender documents are free of charge.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

It-13 ta' Ġunju, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Sourcing and Supplies Management) għas-Central Procurement u Supplies Unit fil-Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 14 ta' Ġunju, 2023.

ERU Ref. ERU0806U23 – Devices
ERU Ref. ERU0806U23A
ERU Ref. ERU0806U23 – Medicinals

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

It-13 ta' Ġunju, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Sourcing and Supplies Management) għas-Central Procurement u Supplies Unit fil-Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, 16 ta' Ġunju, 2023.

ERU Ref. ERU1206U23 – Medicinals
ERU Ref. ERU1206U23A

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

It-13 ta' Ġunju, 2023

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

13th June, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Sourcing and Supplies Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 14th June, 2023.

ERU Ref. ERU0806U23 – Devices
ERU Ref. ERU0806U23A
ERU Ref. ERU0806U23 – Medicinals

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU Website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

13th June, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Sourcing and Supplies Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Friday, 16th June, 2023.

ERU Ref. ERU1206U23 – Medicinals
ERU Ref. ERU1206U23A

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU Website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

13th June, 2023

KUNSILL LOKALI TA' SANNAT

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali Ta' Sannat sad-9.30 a.m. ta' nhar il-Ħamis, 6 ta' Lulju 2023, għal:

Avviż Nru. SNTLC 10/2023. Provvisti – rinnovar ta' sala fil-Każin tal-Banda Santa Margerita(ħruġ mill-ġdid).

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull kwotazzjoni, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-13 ta' Ġunju, 2023

TA' SANNAT LOCAL COUNCIL

The Ta' Sannat Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Ta' Sannat Local Council through ePPS up to 9.30 a.m. on Thursday, 6th July, 2023, for:

Advt No. SNTLC 10/2023. Supplies – tender for the refurbishment of the St Margaret Band Club Hall (re-issue).

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any quotation, even the most advantageous.

13th June, 2023

Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)
L-Ewropa tinvesti f'żoni rurali

European Agricultural Fund for Rural Development (EAFRD)
Europe investing in rural areas

KUNSILL LOKALI TA' SANNAT

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali Ta' Sannat sad-9.30 a.m. ta' nhar il-Ħamis, 6 ta' Lulju, 2023, għal:

Avviż Nru. SNTLC 09/2023. Provvista u konsenja ta' vettura elettrika N1 (pickup truck) għall-Kunsill Lokali Ta' Sannat, f'Ta' Sannat, Għawdex (ħruġ mill-ġdid).

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

TA' SANNAT LOCAL COUNCIL

The Ta' Sannat Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Ta' Sannat Local Council through ePPS up to 9.30 a.m. on Thursday, 6th July, 2023, for:

Advt No. SNTLC 09/2023. Supply and delivery of an N1 electric vehicle (pickup truck) for the Ta' Sannat Local Council, in Ta' Sannat, Gozo (re-issue).

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull kwotazzjoni, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-13 ta' Ġunju, 2023

KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti/kwotazzjonijiet għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ, permezz tal-ePPS, sa nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023, għal:

Avviż Nru. ZBGLC01/2023. Xogħlijiet – kostruzzjoni ta' triq rurali, tħawwil ta' siġar, għamara tat-triq u materjali edukattiv fiż-żona Ta' Trapna mill-Ġnien tal-Kmand għall-Barumbara, Ħaż-Żebbuġ.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-13 ta' Ġunju, 2023

KUNSILL LOKALI GĦAJNSIELEM

Il-Kunsill Lokali Għajnsielem jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Għajnsielem sad-9.30 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Lulju, 2023, għal:

Avviż Nru. GHJN/10/2023. Xogħlijet – rinnovar estern, provvista u installazzjoni ta' pavimentar tal-ġebel fi Pjazza tad-Dehra, Għajnsielem.

Id-dokumenti tal-offerti huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

It-13 ta' Ġunju, 2023

The Local Council reserves the right to refuse any quotation, even the most advantageous.

13th June, 2023

ĦAŻ-ŻEBBUĠ LOCAL COUNCIL

The Ħaż-Żebbuġ Local Council notifies that:

Tenders/quotations will be received at the Ħaż-Żebbuġ Local Council through ePPS, up to noon on Wednesday, 12th July, 2023, for:

Advt No. ZBGLC01/2023. Works – Construction of rural roadway, planting of trees, street furniture and educational materials at Ta' Trapna Area from Ġnien tal-Kmand to Barumbara, Ħaż-Żebbuġ

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

13th June, 2023

GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

The Għajnsielem Local Council notifies that:

Tenders will be received by the Għajnsielem Local Council till 9.30 a.m. on Friday, 14th July, 2023 ,for:

Advt No. GHJN/10/2023. Works – exterior improvements, supply and installation of stone pavement at Apparition Square, Għajnsielem.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

13th June, 2023

KUNSILL LOKALI GĦAJNSIELEM

Il-Kunsill Lokali Għajnsielem jgħarraf illi:

Kwotazzjonijiet għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Għajnsielem sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Ġunju, 2023, għal:

Kwot. Nru. GHJN/12/2023. Disinn, manifattura u installazzjoni ta' dijorama (ħruġ mill-ġdid).

Id-dokumenti tal-kwotazzjonijiet huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit eletroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

It-13 ta' Ġunju, 2023

GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

The Għajnsielem Local Council Notifies that:

Quotations will be received by the Għajnsielem Local Council, till 10.00 a.m. on Friday, 30th June, 2023, for:

Quot. No. GHJN/12/2023. Design, manufacture, and installation of a diorama (re-issue).

Quotations documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

13th June, 2023

Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

Funded by the European Union



AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1262

Avviż skont l-artikolu 495A(3) tal-Kodiċi Ċivili maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Fil-Qorti Tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Rikors ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap. XVI tal-Ligijiet ta' Malta.

Rikors Ġuramentat numru 116/2022

Alice sive Helen Frix-Ross (KI 41247G) f'isimha proprju u bħala mandatarja tal-imsefrin Mary Said, Ryan Adam Whitlock, Martin Moore, Shaun Robert Liam Moore, Michelina sive Kelly Barton;

Stephen Joseph sive Stephen Mifsud (KI 375112L), Michael Said (KI 85148G),

l-Avukat Alex Borg fil-kwalità tiegħu tal-kuratur tal-wirt battal ta' Saviour sive Salvu Said

Notice in terms of article 495A (3) of the Civil Code issued by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section

In the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

Application in terms of Article 495A of the Cap. XVI of the Laws of Malta.

Sworn Application number 116/2022

Alice sive Helen Frix-Ross (ID 41247G) in her own name and as representative of the expatriates Mary Said, Ryan Adam Whitlock, Martin Moore, Shaun Robert Liam Moore, Michelina sive Kelly Barton;

Stephen Joseph sive Stephen Mifsud (KI 375112L), Michael Said (KI 85148G),

Advocate Alex Borg in his capacity of curator of the vacant inheritance of Saviour sive Salvu Said

vs

L-Avukat Dressa Deborah Camilleri li b'digriet tat-3 ta' Mejju, 2023, ġiet nominata kuratriċi deputata sabiex tirrappreżenta lill-assenti Lisa Mifsud u Michael Said bin Gerald.

Rikors Ġuramentat ai termini tal-Artikoli 495A tal-Kap. XVI ta' Alice sive Helen Frix-Ross pro et noe et.

Jesponu bir-rispett:

i. Illi r-rikorrenti kollha ħlief għall-Avukat Dott. Alex Borg nomine huma propjetarji pro indiviso flimkien mal-konvenuti tas-segwenti fondi:

a) Il-fond numru ħamsa (5) fi Sqaq Numru wieħed (1) fi Triq Ta' Żrajk ġja magħrufa bħala Triq Ta' Ħanaq, In-Nadur, Għawdex, bil-ġnien anness, l-intier tal-kejl ta' ċirka mitejn u tlieta u erbgħin metru kwadru (243m.k.);

b) Il-porzjon art fil-kuntrada omonima magħrufa 'Tal-Furnar' fi Triq Għajn Qasab, In-Nadur, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka tliet mija u tlieta u tmenin metru kwadru (383m.k.) konfinanti mil-Lbiċ mat-Triq Tar-Ramla u mill-irjiħat l-oħra ma' beni ta' terzi mhux magħrufa lir-rikorrenti;

c) Il-porzjon art 'il ġewwa mit-triq fi Triq it-Tiġrija, In-Nadur, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka sebgħa u tmenin metru kwadru (87m.k.), konfinanti mill-irjiħat kollha ma' beni ta' terzi mhux magħrufa lir-rikorrenti;

ii. Illi r-rikorrenti kollha huma komproprjetarji tal-fond numru disgħin (90) fi Triq il-Knisja, In-Nadur, Għawdex, fi kwoti ta' kwart (1/4) indiviż li tappartjeni lill-eredità ġjaċenti ta' Saviour sive Salvu Said rappreżentat mill-kuratur tal-wirt battal l-Avukat Dott. Alex Borg maħtur b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, tat-23 ta' Settembru, 2022 (Digriet numru 116/2022/BS anness u mmarkat 'A'), u tliet kwarti (3/4) indiviżi lir-rikorrenti l-oħra bejniethom flimkien mal-intimati;

iii. Illi l-imsemmija fondi iddevolvew fuq ir-rikorrenti permezz ta' wirt, u dan kif se jiġi spjegat ukoll fil-kors tal-kawża, u l-proprjetà ilha miżmuma inkomun bejn il-partijiet għal ferm iktar minn tliet (3) snin;

iv. Illi r-rikorrenti sabu l-opportunità li jbigħu dan il-fond, u daħlu fi tliet konvenji ma' Raymond Azzopardi għall-bejgħ tal-istess; l-ewwel konvenju sar fit-8 ta' Frar, 2021 (anness u mmarkat 'B'), it-tieni konvenju sar fis-26 ta' Frar, 2021

vs

Advocate Dr Deborah Camilleri who by virtue of decree dated the 3rd May, 2023, was appointed as deputy curator to represent the absent Lisa Mifsud and Michael Said son of Gerald.

Sworn Application in terms of Articles 495A of Cap. XVI of Alice sive Helen Frix-Ross pro et noe et.

Respectfully sheweth:

i. That all the applicants except for the lawyer Dr Alex Borg nomine are owners pro indiviso together with the defendants of the following properties:

a) Premises number five (5) in Alley Number One (1) in Triq Ta' Żrajk previously known as Triq Ta' Ħanaq, Nadur, Gozo, with an annexed garden, in all measuring circa two hundred and forty-three square metres (243 sq.m.);

b) The portion of land in the homonymous area known as 'Tal-Furnar' in Triq Għajn Qasab, Nadur, Gozo, measuring approximately three hundred and eighty-three square metres (383 sq.m.) bounded on the south-west by Triq tar-Ramla and on the other sides by property of third parties unknown to the applicants;

c) The portion of land situated inwards from the road in Triq it-Tiġrija, Nadur, Gozo, measuring approximately eighty-seven square metres (87 sq.m.), bounded on all sides by third-party property unknown to the applicants;

ii. That all the applicants are co-owners of the property number ninety (90) in Triq il-Knisja, Nadur, Gozo, in undivided one quarter (1/4) shares which belong to the inheritance of Saviour known as Salvu Said represented by the curator of the vacant estate, the lawyer Dr Alex Borg appointed by decree of the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction of 23rd September, 2022 (Decree number 116/2022/BS attached and marked 'A'), and three quarters (3/4) undivided to the other applicants between them together with the respondents;

iii. That the said properties devolved on the applicants through an inheritance, and this will also be explained in the course of the lawsuit, and the property has been held in common between the parties for well over three (3) years;

iv. That the applicants found the opportunity to sell these premises, and entered into three promise of sale agreements with Raymond Azzopardi for the sale of the same; the first promise of sale agreement was entered into

(anness u mmarkat 'Ċ'), filwaqt li t-tielet konvenju sar fit-22 ta' Marzu, 2021 (anness u mmarkat 'D') debitament reġistrati mad-Dipartiment tat-Taxxa għall-finijiet kollha tal-liġi;

v. Illi r-rikorrenti mhumiex f'pożizzjoni illi jbigħu l-intier tal-imsemmija fondi stante li l-konvenuti Lisa Mifsud u Michael Said, li rispettivament għandhom il-kwota ta' sitta minn sebgħin (6/70) partijiet indiviżi kull wieħed mill-fondi deskritti fil-paragrafi A, B u Ċ hawn fuq u kwota ta' disgħa minn mija u erbgħin partijiet (9/140) indiviżi kull wieħed mill-fond numru 90, Triq Il-Knisja, In-Nadur, mhumiex qed jagħtu l-kunsens tagħhom għal dan il-bejgħ, u għalhekk ir-rikorrenti qed jipprevalixxu ruħhom mid-dispożizzjonijiet taħt l-artikolu 495A tal-Kap. XVI tal-Ligijiet ta' Malta biex il-bejgħ relattiv għall-intier jiġi approvat u esegwit taħt l-awtorità u bl-ordni ta' din il-Qorti;

vi. Illi r-rikorrenti bejniethom għandhom il-kwota maġġoritarja ta' tmienja u ħamsin minn sebgħin partijiet (58/70) indiviżi mill-fondi deskritti fil-paragrafi A, B u Ċ hawn fuq u kwota ta' wieħed u sittin minn sebgħin partijiet (61/70) indiviżi mill-fond numru 90, Triq il-Knisja, In-Nadur, skont prospett bl-ishma li kull wieħed u waħda mill-partijiet għandhom esibit u mmarkat 'E', liema prospett juri wkoll il-valur ta' kull kwota li għandhom il-partijiet mill-prezz pattwit max-xerrej kif jitlob l-artikolu 495A(2) tal-Kap. XVI;

vii. Illi skont l-aħjar valutazzjonijiet li għandhom ir-rikorrenti, il-prezz tal-bejgħ tal-immobbli huwa ġust u reali, u jirrifletti l-prezz kummerċjali, kif jirrizulta mill-istimi peritali annessi u mmarkati 'F', 'G' u 'H';

Għaldaqstant, in vista tas-su espost, jgħidu l-intimati l-għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tawtorizza l-bejgħ tal-immobbli hawn fuq deskritt skont il-pattijiet u kundizzjonijiet indikati fil-konvenji tat-8 ta' Frar, 2021, rigward il-bejgħ tal-fond numru ħamsa (5) Sqaq Numru wieħed (1), Triq Ta' Żrajk ġja magħrufa bħala Triq Ħanaq, In-Nadur, Għawdex; tas-26 ta' Frar, 2021, rigward il-bejgħ tal-fond numru disgħin (90), Triq il-Knisja, In-Nadur; u tat-22 ta' Marzu, 2021, rigward il-bejgħ tal-porzjonijiet ta' Triq Għajn Qasab u Triq it-Tiġrija, In-Nadur, Għawdex;

2. Tiffissa d-data, ħin u lok fejn għandu jiġi ppubblikat l-istess kuntratt jew kuntratti ta' bejgħ;

3. Tinnomina lin-Nutar Joel Grima sabiex jippubblika l-kuntratt jew kuntratti relattivi;

on the 8th February, 2021 (annexed and marked 'B'), the second promise of sale agreement was entered into on the 26th February, 2021 (annexed and marked 'C'), while the third promise of sale agreement was entered into on the 22nd March, 2021 (annexed and marked 'D') duly registered with the Tax Department for all purposes of the law;

v. That the applicants are not in a position to sell the whole of the said properties given that the defendants Lisa Mifsud and Michael Said, who respectively have the quota of six out of seventy (6/70) undivided parts each of the properties described in paragraphs A, B and C above and a quota of nine out of one hundred and forty parts (9/140) undivided each of premises number 90, Triq il-Knisja, Nadur, are not giving their consent for this sale, and therefore the applicants are availing themselves of the provisions under article 495A of Cap. XVI of the Laws of Malta so that the sale relative to the whole is approved and executed under the authority and by order of this Court;

vi. That the applicants between them have the majority quota of fifty-eight out of seventy parts (58/70) undivided out of the properties described in paragraphs A, B and C above and a quota of sixty-one out of seventy parts (61/70) undivided out of the property at number 90, Triq il-Knisja, Nadur, according to a prospectus with the shares that each and every one of the parties have, exhibited and marked 'E', which prospectus also shows the value of each quota that the parties have of the price agreed with the purchaser as required by article 495A(2) of the Cap. XVI;

vii. That according to the best valuations that the applicants have, the sale price of the property is fair and real, and reflects the commercial price, as it results from the attached appraisals marked 'F', 'G' and 'H';

Therefore, in view of the above, the respondents are to say why this Honourable Court should not:

1. Authorise the sale of the property described above in accordance with the terms and conditions indicated in the promise of sale agreements of the 8th February, 2021, regarding the sale of premises number five (5) Alley Number One (1), Triq Ta' Żrajk formerly known as Triq Ħanaq, Nadur, Gozo; of the 26th February, 2021, regarding the sale of property number ninety (90), Triq il-Knisja, Nadur; and of the 22nd March, 2021, regarding the sale of the portions at Triq Għajn Qasab and Triq it-Tiġrija, Nadur, Gozo;

2. Fix the date, time and place where the same contract or contracts of sale shall be published;

3. Appoint Notary Joel Grima to publish the contract or relative contracts;

4. Tikkonferma lill-kuratur deputat maħtur f'dawn il-proċeduri sabiex jidher fuq l-att pubbliku relattiv għall-assenti Lisa Mifsud u Michael Said;

5. Tagħti dawk l-ordnijiet u direzzjonijiet lin-Nutar Pubbliku nominat u/jew lill-kuratur nominat sabiex wara l-pubblikazzjoni tal-att jew attijiet tal-bejgħ min minnhom jgħaddi sabiex jiddepożita taħt l-awtorità ta' din l-Onorabbli Qorti s-sehem spettanti lill-intimati assenti mir-rikavat bejgħ.

U dan kollu taħt dawk il-provvedimenti l-oħra li din l-istess Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati inġunti minn issa għas-subizzjoni.

(iffirmat) Av. Mario Scerri

Dan ir-rikors ġuramentat huwa appuntat għas-smigħ għas06 ta' Ottubru, 2023, fit-8.30 a.m., fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, Ir-Rabat, Għawdex.

Reġistru tal-Qrati u Tribunali (Għawdex), illum 3 ta' Mejju, 2023

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur

4. Confirm the deputy curator appointed in these proceedings to appear on the public deed relative to the absent Lisa Mifsud and Michael Said;

5. Give those orders and directions to the appointed Public Notary and/or to the appointed curator so that after the publication of the deed or deeds of sale, whoever of them proceed to deposit under the authority of this Honourable Court the share belonging to the absent respondents from the sale proceeds.

And all this as per orders that this same Honourable Court deems appropriate and opportune.

With all costs against the respondents who are as of now summoned for their oath.

(signed) Advocate Dr Mario Scerri

This sworn application is set for hearing on the 6th of October 2023, at 8.30 a.m., at the Gozo Court building, Cathedral Square, Victoria, Gozo.

Registry of Gozo Courts and Tribunals, this 3rd May 2023

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar

1263

Permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' April, 2023, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Wesley Ellul et vs Priscilla Vella, Rikors numru 99/2023JM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Priscilla Vella a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Wesley Ellul (KI 221096M) u martu Rebecca Ellul (KI 180086M) vs Priscilla Vella (KI 263484M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-24 ta' Frar, 2023, ir-rikorrenti Wesley Ellul (KI 221096M) u martu Rebecca Ellul (KI 180086M) talab lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jiddeċiedi l-kawża u jmexxi għas-sentenza skont it-talba tar-rikorrenti bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 16A et sequitur tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jiddikjara u jiddeċiedi li l-konvenuta naqset milli tħallas l-ammonti dovuti ai termini tal-kuntratt ta' lokazzjoni datat 9 ta' Mejju, 2022, u dan bi ksur tal-istess kuntratt;

3. Jiddikjara u jiddeċiedi li għalhekk il-lokazzjoni mertu tal-kuntratt ta' lokazzjoni datat 9 ta' Mejju, 2022, hija xolta

By means of a decree of the 25th April, 2023 of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Wesley Ellul et vs Priscilla Vella, Application number 99/2023JM, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Priscilla Vella in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Wesley Ellul (ID 221096M) and his wife Rebecca Ellul (ID 180086M) vs Priscilla Vella (ID 263484M) filed before the Rent Regulation Board, on the 24th February, 2023, the applicant Wesley Ellul (ID 221096M) and his wife Rebecca Ellul (ID 180086M) requested this Honourable Board to:

1. Determine and decide this case without proceeding to trial in terms of Article 16A of Cap. 69 of the Laws of Malta according to the requests of the applicants;

2. Declare and decide that the respondent has failed to pay the amount due under the terms of the lease agreement dated 9th May, 2022, and this in violation of the same contract;

3. Declare and decide that therefore the lease by virtue of the lease agreement dated 9th May, 2022, is dissolved and

